# NHAR TA' ĦADD FUQ IL-MONTI

Ma nafx x'ħadni dak in-nhar il-Belt, għax nhar ta' Ħadd ma nħobbx noħroġ, naf biss li dak in-nhar qtajt xewqa li kienet ilha żmien twil tniggiżni.

Kont ilni minn żgħoriti nismagħhom isemmu l-*Monti* u l-bejgħ li jsir fih, u kont nistħajlu xi ħanut jew suq kbir, kbir fejn issib tixtri minn kollox u kollox bir-rħis.

Hu x'inhu dak in-nhar, il-Ħadd fil-għodu, mort il-il-Belt. Wara li smajt il-quddiesa tat-tmienja San Ġwann, ħriġt mill-bieb il-kbir u lwejt max-xellug, lejn *Strada Mercanti*, biex nibqa' nieżel mat-trieq tal-Ġanċ. Iżda qabel ma qbadt in-niżla, sibt ruħi, bla ma kont nobsor fis-suq tal-*Monti*. Waqaft, ħarist, stagħġibt; iżda malli għaddietli dik id-dehxa ħafifa, biddilt il-ħsieb li nibqa' nieżel man-niżla tal-Ġanċ biex nara aħjar il-bejgħ tal-*Monti*.

Dik il-biċċa trieq ta' *Strada Mercanti*, minn ħdejn il-misraħ ta' San Ġwann sal-ewwel xewka tas-Suq, kienet kollha miżgħuda bin-nies: min miexi, min wieqaf iħares jew jixtri, min jaħbat ma' ieħor u min iwarrab biex ma jolqotx ma' ieħor; bejjiegħa jgħajtu u xerrejja jitolbu, jiftiehmu, iħallsu.

Maż-żewġt iġnieb tat-trieq kienu jiġru żewġ srabat twal imwejjed, imwaqqfin dak il-ħin bi lwieħ mimdudin fuq strippi jew fuq xi xatba ta' karettun ta' l-idejn, u mgħammrin bi ħwejjeġ, b'xaqaq b'għodod u b'mitt ħaġa oħra.

Waqaft inħares. F'ras it-trieq, jew f'ras sarbut wieħed, raġel ftit imdaħħal fiż-żmien, liebes imdendel, wiċċu mkemmex u samrani, għajnejh mitfija u erba' żajbriet bojod qotna mitluqin fuq xoftu l-faqqanija kien iħares b'ħarsa donnha ta' ħniena fuq mejda mgħobbija b'ħafna xaıbitelli tal-ħadid, inħas, irsas, qasdir: sliesel, ħoloq, imfietaħ, sokriet, imsiemer b'rashom safra, ġlieġel għal għonq iż-żwiemel u xi ġaras għal għonq ta' mogħża. Quddiemu, iferkxu b'subgħajhom donnhom tiġieġ ifittxu xi qamħa ġol-ħamririja, kien hemm erba' raħlin, lebsin ħwejjeġ tal-qatgħa, bil-qorq f'saqajhom u mħażżmin b'terħa sewda. Wieħed minnhom qabad mansba tal-ġrieden u beda jagħfasha u jerħiha biex jara tfaqqâx tajjeb, ħafif, qabel ma jixtriha. Ieħor kellu f'idejh silsla tal-ħadid, twila nofs qama, u kien iqisha b'għajnejh biex jara ġġiblux, ħsibt jien, biex jorbot il-kelb jew inkella l-barmil tal-ġiebja mal-ħabel.

Quddiemu, mal-ħajt l-ieħor, raġel b' karettun żgħir ta' l-idejn kien ibigħ ix-xtieli u jgħajjat b'tinwiħa li traqqdek: "Qronfol min iħawwel". Ersaqt lejh. Ftit xtieli talqronfol imħawwlin fil-qsari; xitla ta' ward ix-xemx, imħawwla ġo nofs landa msadda, mserdka fuq il-magħseb u marbuta ma' qasba biex ma tiltewiex u ma tinkisirx; żewġ żabriet bil-ġewża mbexxqa, u xitla, li ma nafx x'igħidulha, bla ward, bil-weraq kbir u miftuħ bħal imrewwħa u mfellel fit-tarf.

Imxejt ftit. Mejda mimlija bil-għodod: srieraq, imtieraq, brârad, tqieqeb, pniezel għaż-żbigħ u għat-tibjid, imqassijiet għat-tiswija tas-siġar. Il-bejjiegħ, raġel f' waqtu, ħxejjen, wiċċu mimli, xħin rani nħares lejn il-bigħa tiegħu, qalli b'leħen oħxon, donnu ħiereġ mill-art: "X'sa nbigħlek? "Kollox bir-rħis!" "Xejn, xejn" weġibtu, u tħarrikt minn hemm.

Maġenbu kien hemm bejjiegħ il-ħwejjeġ tar-rġiel: qomos ta' lwien ilellxu, flokkijiet ħomor, koħol, sofor, bi kmiem qosra, żraben bil-qiegħ tax-xama', brieret, kpiepel, peduni suwed u mlewwnin: kollox mifrux fuq il-mejda, u mperreċ u minxur fuq ħabel irqiq marbut bejn żewġ waqqafiet imwaħħlin mal-mejda. Għoġobni dak it-tiżwiq ta' lwien. Il-bejjiegħ, raġel irqiq u twajjel, wiċċu magħlub, ħaddejh imqabbża, għajnejh kbar, lewnu żejti, b' leħen werżieqi, kemm xejn maħnuq, kien igħajjat: "Min jilbes! Min jilbes! Dawk il-qomos! Dawk iż-żraben b'xejn!" u issa jaqbad qmis f'idejh, issa jerfa' u jgħolli qabda peduni marbutin qatta, issa jxejjer idejh b'kappell f'waħda u berritta f'oħra. Kif kont midhi nħares lejh, resqu tliet żgħażagħ, lebsin qomos lewn is-sema, bil-kmiem imtellgħin u miżmumin bil-lastku f'nofs dirgħajhom, bis-sidrija maħlula, bilqalziet bil-qarsa f'nofs kull qalza u b'żarbun ta' żewġ xelini f'saqajhom. Riedu jixtru; iġġebbdu, ftiehmu, qarstilhom żewġ qomos u beritta bellusija; ħallsu u telqu.

U jien dawwart wiċċi lejn in-naħa l-oħra. Żagħżugħ ta' xi ħamsa u għoxrin sena, qerqni, wiċċu mhux ikrah, imma rasu mdaħħla ġo kitfejh, b' ħanġra daqsiex miftuħa kien igħajjat u jwerżak: "Erba' soldi l-jarda! Tal-Ġappun! Bi tmintax ir-rbigħi tilbes! Xi ġmiel ta' ħarir!" u b'idejh igħolli t-tarf ta' żewġ pezez, waħda lewn aħdar u l-oħra lewn iżraq. Waqfu quddiemu żewġ xbejbiet, lebsin libsa lewn il-laringi u daqsxejn ta' beritta mmejla fuq

widnithom il-leminija. Għidt bejni u bejn ruħi: Mur obsor li ħafna xbejbiet taħsibhom minn ilbieshom ulied il-għonja u ma jkollhomx ħlief libsa ta' tmintax ir-rbigħi!

Tħarrikt minn hemm u sibtni quddiem ieħor ibigħ ħafna xniexel tan-nisa: kalzetti suwed u lewn irmied u lewn il-laħam, ħnienaq biż-żibeġ taż-żġieġ għal min ma jistâx jilbes ġawhar, imxat imkawgħxin qishom fdewxa, bziezel u rakkmijiet tal-mâgna, kobob ta' żagarelli ta' kull lewn u wisa', bokkli u buttuni kbar għat-tiżjin tal-lbiesi, imkatar żgħar bix-xifer imberfel b'bizzilla rqiqa. Kemm domt ħdejh ma għajjatx għajta. Il-ħin kollu jkejjel u jaqta', jitwi u jkebbeb u jqartas u jgħodd, joħroġ u jdaħħal, jitħallas u jsarraf, u b'ħarsa mqita donnu mħallef.

Kotba wkoll? Mela, kotba wkoll. Raġel xwejjaħ, b'leħen mitfi, kien inewwaħ fuq ftit kotba aktarx nofs kedda: "Rumanzi bil-Malti min jaqra! Kotba tal-knisja! L-almanakk tal-Patri!" Resaq żagħżugħ, ħares ħarsa lejn il-kotba, qabad wieħed bil-qoxra ħamra u bl-ittri tad-deheb f'dahru, u staksieh: "Kemm sa ntik ta' dan?" Ix-xwejjaħ ħadu f'idu, donnu biex jara kemm hu tqil u kemm jiżen dak il-ktieb, imbagħad qal: "Ma jiswiex tlett xelini?" "Tridx sitt soldi?" qallu ż-żagħżugħ. "Mela jien mort nisraq?" wieġbu x-xwejjaħ, "sitt soldi ktieb bħal dak?" Iż-żagħżugħ telaq bla ma qal kelma oħra. Tħassartu lil dak l-imsejken.

Ftit il quddiem mejda mgħammra bi ħwejjeġ tal-logħob għat-tfal: bżieżaq, biċċa minnhom qishom qargħa twila, ħomor u ħodor, minfuħin u, marbutin b'ħajta, jittajjru xibrejn għoli, sfafar, brottijiet, żwiemel tal-għuda, karettuni żgħar, karozzi, dgħajjes vapuri ta' l-art, ajruplani tal-landi tagħtihom il-ħabel u jiġru u jduru, bhejjem tal-lastku tonfoħhom u jieqfu, u mitt ħaġa oħra. Għaddiet mara b'tifel żgħir iżżommlu idu. Malli ra t-tifel dak kollu, għoxa jħares, ma riedx jimxi 'l-quddiem, beda jġebbed 'l ommu u jnewwaħ: "Ma ixtrili dak!" Kellha minkejja fiha tieqaf. "Ixtrili bużżieqa minn dawk." "Dik tinfaqagħlek qabel ma naslu d-dar." "Mela ixtrili ballun!" "Dak tweġġa' bih jew tagħmilli l-ħsara. Ara nixtrilek daż-żiemel, ara kemm hu sabiħ, torbotlu ħajta u toqgħod issuqu, trid?" Għoġbu lit-tifel, u xtratulhu.

Kien hemm ukoll il-lawżar Għarbi bil-ġewlaq tal-ħommos u ħabb għażiż, bi flixkun jew tnejn ilma żahar u kaxxa lakumja f'idu u kammien taħt driegħu.

Wasalt fl-aħħar u l-aktar li laqatni dak li rajt l-aħħar. Mejda mimlija... biex? anqas ma naf; b'ħafna tilqit u żwali jiet tad-dar; u kemm kemm dak ir-raġel ta' quddiem il-mejda ma ħsibtux dak li jdur fir-rħula u jgħajjat: " Għadam u ċraret, ram u ħadid min għandu. " Dan li stajt nagħraf: miżien żgħir b'keffa waħda u l-oħra maqlugħa, buqar taż-żġieġ imxellef u mxiegħer, brazz ta' lampa tal-ħajt, żewġ vazetti jew tlieta mfarrdin; żewġ infietaħ, jew, għal ġieħna, qrun ta' baqra bħal dawk li hemm fir-razzett ta' Deċêsri fit-telgħa ta'l-Ingieret, u li xi nies għonja jwaħħlu fuq xi bieb ta' darhom, minn barra jew minn ġewwa, biex ma jitgħajnux! Kif kont nistagħġeb min sa jixtri dak it-tilqit, nara jersaq raġel, ftit imdaħħal fiż-żmien, li mix-xeħta tiegħu kien jidher xi bniedem tal-kotba u jagħmilha tajjeb, u raġel ieħor miegħu qsajjar u wiċċu misbuk. Għarfu l-bejjiegħ u sellimlu minnufih u qallu: " Ara x'għandi l-lum għalik! " u ħareġ minn taħt il-mejda nkwatru qadim, imtaqqab, bil-gwarniċ imdieheb u mibrux. Is-sinjur qabdu f'idu, tella' n-nuċċali fuq moħħu u ressaq l-inkwatru taħt imnieħru biex jiflih tajjeb, waqt li r-raġel ta' wiċċu misbuk għola fuq riġlejh biex jara wkoll. " Sabiħ, eh? Għalik irfajthom ", beda jlikkem ir-raġel ta' quddiem il-mejda, donnu diġá qiegħed jara l-flus li sa jaqla'. " Imkagħbrin ftit, " qal is-sinjur, " ara, fihom ħafna toqob. " " Dak m'hu xejn, sinjur; jekk tagħmel nitfa karta minn wara, it-toqob ma jibqgħux jidhru." Tħajjar is-sinjur u staqsieh: " Kemm-il-wieħed għandek? " " Sitta, " wieġbu l-ieħor. " Kemm trid tagħhom? " " Agħtini li trid, " wieġeb kollu ħlewwa, " jien miegħek qatt ma fittixt. " U malajr ħareġ minn taħt il-mejda l-ħamsa l-oħra, li aktarx baqgħu mrekknin u moħbijin għax aktar imkagħbrin minn ħuhom l-ieħor, qegħidhom is-sitta wieħed fuq l-ieħor, newwilhom lir-raġel ta' wiċċu misbuk u qallu: " Ħa, mur ħudhomlu d-dar lis-sinjur. " " Imma jien irrid naf kemm huma, qabel ma neħodhom, " qal is-sinjur. " Mela tini lira, żewġ skuti l wieħed. " " Lira! nagħtik tmintax ir-rbigħi l-wieħed. " " U tajjeb ukoll, " wieġeb ferħan il-bejjiegħ, li qala' ħmistax-il-xelin, li ma kienx jaqlagħhom f'ġimgħa. Għidt f'qalbi. Tassew li l-baqra kollha tinbiegħ.

* * *

Ħassejt rasi tistrieħ xħin tħarrikt minn hemm u sibt ruħi fi trieq ħafifa minn nies. Imma l-bejgħ ta' fuq il-*Monti* ma ninsieh qatt. S.